# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2001**

**Numru : 23**

**Citaz. Numru : 2243/2000/RCP**

**Charles Carter**

**vs**

**Lawrence Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premetta:

Illi l-istanti huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf mija u tletin lira (Lm1,130) self brevi manu;

L-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, dispensat is-smiegh tal-kawza ghat-termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet in vista tad-dikjarazzjoni annessa, m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, mija u tlettin lira (Lm1,130);

Bl-imghax legali, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2001 fejn Dr David Borg ghall-attur prezenta estratt mill-gazzetta lokali u l-konvenut ghalhekk debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' **t-talba tal-attur** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, mija u tlettin lira Maltin (Lm1,130);

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**15 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Jannar, 2001**